MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2014

Avviz Numru. 277/2013

**Atlas Insurance PCC Limited**

**vs**

**GMC Transport Company Limited u S & T Services Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati ihallsu, jew min minnhom, lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro (€5,823.00c) rappresentanti hlas ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni, in konnessjoni

ma nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lil P. Cutajar & Co. Ltd., liema konsenja twasslet fil-mahzen ta' P. Cutajar & Co Ltd fis-17 ta' Settembru, 2012.

Bl-imghax mid-data tal-hlasijiet relattivi u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta ta' GMC Transport Company Limited u S & T Services Limited fejn eccepew:

1. Preliminarjament, il-kompetenza ta' dan it-Tribunal ai termini tal-Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc.
2. In kwantu diretti kontra l-eccepjenti GMC Transport Company Limited u S & T Services Limited, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.
3. F'kull kaz, l-eccepjenti GMC Transport Company Limited u S & T Services Limited ma jahtu bl-ebda mod ghall-allegati nuqqasijiet fil-merkanzija in kwistjoni, u ma ghandhom ebda responsabbilta' ghar-rigward ta' l-istess.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Din is-sentenza hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti fejn eccepew li din il-Qorti mhix kompetenti sabiex tisma' l-kawza ai termini tal-Artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc. Il-partijiet ma ressqux provi fuq din l-eccezzjoni, u ghalhekk il-fatti kif jemergu mir-rikors promotur, mir-risposta u mit-trattazzjoni orali, u li m'humiex kontestati bejn il-kontendenti, huma s-segwenti:

1. Is-socjeta' attrici kienet assigurat xi merkanzija appartenenti lil P. Cutajar & Co. Ltd. Din il-merkanzija waslet fil-mahzen ta' P. Cutajar & Co. Ltd. fis-17 ta' Settembru 2012, u allegatament kellha xi nuqqasijiet.
2. Is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, kienu responsabbli ghat-trasport bil-bahar ta' din il-merkanzija.
3. Is-socjeta' attrici hallset lil P. Cutajar & Co. Ltd. is-somma ta' €5,823.00, ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni bejniethom, u s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' assigurata taghha P. Cutajar & Co. Ltd.
4. Fil-kawza odjerna, is-socjeta' attrici qed titlob lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, jirrizarcuha l-ammont li hallset lil P. Cutajar & Co. Ltd.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mit-trattazzjoni orali, jirrizulta illi s-socjetajiet konvenuti qed jeccepixxu preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri fuq zewg binarji – taht l-Artikolu 741 u 747 tal-Kapitolu 12 min-naha wahda u taht l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc min-naha l-ohra. Il-Qorti sejra tezamina kull wahda minn dawn is-sottomissjonijiet ghaliha.

*Inkompetenza ai termini tal-Artikolu 741 u 747 tal-Kapitolu 12*

Waqt it-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tas-socjetajiet konvenuti ssottometta illi s-socjeta' attrici qed titlob b'talba travestita ta' somma determinata, il-likwidazzjoni tad-danni ta' allegati nuqqasijiet fil-merkanzija li ghalihom huma allegatament responsabbli l-konvenuti. Huwa jinvoka l-Artikolu 747(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili li jippreskrivi illi *"Il-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata."* Ghaldaqstant huwa jissottometti li ladarba din il-Qorti hija ghandha kompetenza limitata, allura il-kawza kellha issir quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Min-naha l-ohra, l-abbli difensur tas-socjeta' attrici issottometta illi s-socjeta' attrici kienet qed tassikura l-merkanzija tas-socjeta P. Cutajar & Company Limited, u peress li rrizulta li kien hemm xi nuqqasijiet fil-merkanzija, is-socjeta' attrici, abbazi tal-polza tal-assikurazzjoni hallsitha l-ammont mitlub fir-rikors promotur.

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, is-socjeta' attrici mhix qieghda titlob li tigi likwidata xi somma, imma qieghda titlob li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ihallsuha somma fissa, li hija, cioe' s-socjeta' attrici, diga hallset lis-socjeta' assikurata taghha, u b'rizultat ta' dan, is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta' din is-socjeta'.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* ibbazata fuq l-Artikolu 747 tal-Kodici ta' Procedura Civili.

*<u>Inkompetenza ai termini tal-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc</u>*

Fit-tieni sottomissjoni tieghu, l-abbli difensur tas-socjetajiet konvenuti ssottometta li ladarba il-kawza odjerna tittratta dwar relazzjonijiet bejn socjetajiet kummercjali, cioe kummercjanti, allura, il-Qorti kompetenti sabiex tisma' din il-vertenza hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u dan stante li l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc jippreskrivi illi *"Il-gurisdizzjoni kummercjali hija ezercitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."*

L-Artikolu 548 tal-Kodici tal-Kummerc imbaghad ikompli jghid hekk: *"Huma ta' natura kummercjali –*

*(a) il-kwistjonijiet kollha dwar obbligazzjonijiet u kuntratti bejn kummercjanti, jekk ma jidhirx mill-att innifsu li l-affari hija purament civili; … …"*

Min-naha l-ohra, l-abbli difensur tas-socjeta' attrici issottometta illi li kieku l-legislatur ried li kull divergenza ta' natura kummercjali u dawk dejjem bejn zewg socjetajiet kummercjali kellhom b'mod assolut jaqghu taht il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-legislatur ma kienx ikollu htiega li fl-Artikolu 547 jikkwalifika l-kompetenza tal-Prim'Awla bil-kliem *"skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."* Skont l-abbli difensur tas-socjeta' attrici, dan il-kliem ifisser li l-kwistjoni tal-kompetenza fi kwistjonijiet kummercjali ghandha tigi stabbilita skond id-disposizzjoni tal-Kodici tal-Procedura Civili fuq il-kompetenza *ratione valoris.* Huwa jiccita in sostenn tas-sottomissjoni tieghu tlett sentenzi ta' dawn il-Qrati li se jigu kkunsidrati aktar l-isfel.

L-ewwel kwistjoni li trid tiddeciedi din il-Qorti hija dwar jekk din kawza hijiex ta' natura kummercjali. Id-difensur tas-socjeta' attrici iccita in sostenn tat-tezi tieghu tlett sentenzi **Formosa & Camilleri Ltd v. Sea Malta Company Ltd et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] fit-30 ta' April 1999, **Middlesea Insurance p.l.c. v. The Cargo Handling Company Ltd. et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] fil-25 ta' Settembru 2003 u **Adrian Mifsud noe vs. Joseph Apps** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta[3] fit-12 ta' Jannar 2001. Fl-ahhar sentenza kien hemm riferenza ghas-sentenza **Leslie Causon noe vs. Ernest Sullivan** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta[4] fil-21 ta' Novembru 1995. Dawn l-erba' sentenzi kienu jikkoncernaw fatti simili ghal dawk fil-kawza odjerna, u l-konvenuti f'dawk il-kawzi ecceppew li din kienet kwistjoni ta' sigurta marittima, li qabel l-emendi li saru fl-1995 kienu jaqghu fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Kummerc taht l-Artikolu 38 tal-Kodici tal-Procedura Civili, liema kompetenza intirtet mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, bl-emendi apportati bl-Att XXIV tal-1995.

---

[1] *Per* Imhallef G. Caruana Demajo.
[2] *Per* Imhallef Joseph R. Micallef.
[3] *Per* Magistrat Dennis Montebello.
[4] *Per* Magistrat Jacqueline Padovani.

Dawn is-sentenzi – b'mod car fl-ewwel tnejn u b'mod inqas car fit-tieni tnejn – irritenew li l-vertenza ma kienitx tikkoncerna sigurta marittima imma kienet kawza ghar-rizarciment tad-danni, u din il-kawza mhix wahda li kienet tispetta necessarjament lill-Qorti tal-Kummerc. Is-sentenza **Formosa & Camilleri Ltd v. Sea Malta Company Ltd et** giet konfermata fuq din il-kwistjoni mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu 2001.

Dawn is-sentenzi effettivament imorru diametrikament kontra ghall-inqas zewg sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[5], in *re* **Leslie Causon noe v. Godwin Abela** deciza fit-22 ta' Marzu 1995 u **Noel Ellul noe v. David Jones et** deciza fit-22 t'April 1994, fejn gie ritenut. f'cirkostanzi simili, li din kienet kwistjoni ta' sigurta marittima u ghalhekk kienet taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Kummerc ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Pero, din il-Qorti, ghal fini li tiddeciedi jekk il-kwistjoni odjerna hix wahda ta' natura kummercjali o meno, ma tarax in-necessita li tidhol fil-kwistjoni jekk din il-kwistjoni hix wahda ta' sigurta marittima o meno. Anki jekk ghal grazzja tal-argument din il-Qorti kellha tabbracca it-tezi ta' dawk is-sentenzi li rritenew li l-fattispecje tal-kaz odjern ma jammontawx ghal kwistjoni ta' sigurta marittima, bid-dovut rigward lejn il-Qrati involuti, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, dan ma jfissirx awtomatikament li l-kwistjoni odjerna mhix wahda kummercjali.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li fil-kaz odjern, il-partijiet kollha, inkluz l-assikurat huma socjetajiet kummercjali, u allura jaqghu fid-definizzjoni ta' "kummercjant" kif definita fl-Artikolu 4 tal-Kodici tal-Kummerc, li jippreskrivi illi *"Kummerċjanti huma dawk li, bi professjoni, jagħmlu f'isimhom atti tal-kummerċ, kif ukoll is-soċjetajiet kummerċjali."* Fit-tieni lok, fost l-atti tal-kummerc elenkati fl-Artikolu 5 tal-Kodici tal-Kummerc insibu il-paragrafu (e) li jelenka *"kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom."* Din il-kawza tikkoncerna purament azzjonijiet ta' socjetajiet kummercjali.

Issa l-Artikolu 548 tal-Kodici tal-Kummerc jippreskrivi illi:

*"Huma ta' natura kummercjali –*

[5] *Per* Imhallef Carmel Agius

(a) *il-kwistjonijiet kollha dwar obbligazzjonijiet u kuntratti bejn kummercjanti, jekk ma jidhirx mill-att innifsu li l-affari hi purament civili;*
(b) *il-kwistjonijiet kollha dwar atti ta' kummerc bejn kull xorta ta' persuni."*

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, fil-kaz odjern l-obbligazzjonijiet u l-kuntratti bejn is-socjetajiet kontendenti u s-socjeta' assikurata, m'humiex kwistjonijiet *"purament civili"*, u ghalhekk jaqghu taht l-Artikolu 548(a) tal-Kodici tal-Kummerc. Fi kwalunkwe kaz, il-vertenza odjerna tikkoncerna kwistjoni dwar atti tal-kummerc u ghalhekk taqa' taht l-Artikolu 548(b) tal-Kodici tal-Kummerc.

Il-Qorti tirreferi ukoll ghas-sentenza **Giuseppe Vella v. Giuseppe Mifsud** deciza fit-30 t'Ottubru 1953,[6] fejn il-Qorti tal-Kummerc,[7] irriteniet hekk: *"Ir-regola l-aktar accettata mid-dottrina u mill-gurisprudenza l-lum hija dik illi d-dolo u n-negligenza ma ghandhomx proprjament indoli civili jew kummercjali, imma huma vizji li minnhom att jew fatt guridiku jista' jkun akkompanjat; u l-indoli taghhom hija civili jew kummercjali skond l-indoli ta' dak l-istess att jew fatt li mieghu jattakkaw ruhhom. Att maghmul minn kummercjant huwa prezunt kummercjali, anki jekk jikkonsisti f'fatt delittwuz, meta mill-att stess ma jkunx jidher li ma ghandux x'jaqsam mal-kummerc. L-azzjoni ghad-danni derivanti minn fatt illecitu li kummercjant jaghmel in konnessjoni ma' l-ezercizzju tal-kummerc tieghu hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc."* Fil-kaz odjern, is-socjeta' attrici qed tallega li s-socjetajiet konvenuti ikkommettew fatt illecitu in konnessjoni ma' l-esercizzju tal-kummerc taghhom.

In vista tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-kaz odjern jikkoncerna kwistjoni ta' natura kummercjali.

In vista ta' din il-konkluzjoni, issa din il-Qorti trid tiddeciedi it-tieni kwistjoni u cioe jekk din il-Qorti hijiex kompetenti li tisma' din il-vertenza, u dan in vista' ta' dak li jippreskrivi l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc. Il-Qorti irriflettiet fit-tul fuq din il-kwistjoni fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-emendi legislattivi li saru tul is-snin lill-Kodici tal-Kummerc u lill-Kodici tal-Procedura Civili.

---
[6] Vol. XXXVII (D) -III-932.
[7] *Per* Imhallef Tancred Gouder.

Qabel l-emendi li saru bl-Att XXIV tal-1995, id-disposizzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni kummercjali relevanti ghal kaz odjern fil-Kodici tal-Kummerc kienu jaqraw hekk:

*"547. Il-gurisdizzjoni kummercjali hija ezercitata mill-Qorti tal-Kummerc skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*548. Huma ta' natura kummercjali –*

*(c) il-kwistjonijiet kollha dwar obbligazzjonijiet u kuntratti bejn kummercjanti, jekk ma jidhirx mill-att innifsu li l-affari hi purament civili;*

*(d) il-kwistjonijiet kollha dwar atti ta' kummerc bejn kull xorta ta' persuni."*

L-Artikolu 36 tal-Kodici tal-Procedura Civili kien jippreskrivi hekk:

*"… (2) Il-Qorti tal-Kummerc tiehu konjizzjoni tal-kawzi kollha ta' natura kummercjali jew li ghandhom x'jaqsmu mal-kummerc, komprizi dawk dwar kambjaliijiet, promissory notes, jew titolu iehor ta' kreditu trasferibbli b'gira jew li jithallas lill-portatur, <u>meta dawn il-kawzi ma jkunux ta' kompetenza tal-qrati inferjuri.</u>*

*Izda, meta dawn il-kawzi jsiru kontra l-Gvern ta' Malta jew mill-Gvern ta' Malta, il-Qorti tal-Kummerc, fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati inferjuri, ghandha gurisdizzjoni konkorrenti maghhom, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-Artikoli 37 u 38 kienu jaghtu ukoll lill-Qorti tal-Kummerc kompetenza esklussiva fuq certi materji, li huma irrelevanti ghal fini tal-kawza odjerna.

Mis-suespost huwa car, li kien hemm disposizzjoni espressa tal-ligi tal-procedura li taghti lill-qrati inferjuri kompetenza li jiddeciedu kawzi ta' natura kummercjali. Dan minkejja l-fatt li anke dak iz-zmien l-Artikolu 47(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili kien jippreskrivi illi *"Fil-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta' Malta joqghod magistrat wiehed, u dik il-qorti, bhala qorti ta' l-ewwel grad tisma' u tiddeciedi <u>l-pretensjonijiet kollha</u> sa l-ammont ta' hamsin lira … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Kif inhuwa risaput, bl-emendi li saru bl-Att XXIV ta' l-1995, il-Qorti tal-Kummerc giet abrogata. Konsegwenza ta' dawn l-emendi, l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc gie jaqra hekk: *"Il-gurisdizzjoni kummercjali hija ezercitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."* L-Artikolu 548, li jiddefinixxi x'inhuma kwistjonijiet ta' natura kummercjali, ma giex emendat.

Min-naha l-ohra b'dawn l-emendi gew abrogati wkoll l-Artikoli 36, 37 u 38 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u kif rajna l-Artikolu 36(2) kien jaghti kompetenza lill-qrati inferjuri fuq certi kwistjonijiet kummercjali.[8]

Pero, bl-emendi tal-1995, gie sostitwit l-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Procedura Civili li jittratta l-gurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u dan gie jaqra hekk:

*"(2) "Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom jew li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerc, hadet konjizzjoni taghhom, sakemm dan il-Kodici jew xi ligi ohra ma jkunux ipprovdew mod iehor.*

*(3) Izda din il-Qorti ma tiehux konjizzjoni ta' kawzi ta' kompetenza tal-qrati inferjuri tal-Gzira ta' Malta hlief meta dawn il-kawzi ma jkunux saru minn jew kontra l-Gvern ta' Malta, f'liema kaz, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati inferjuri, ghandhom maghhom gurisdizzjoni konkorrenti, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi."*[9] (sottolinear ta' din il-Qorti)

Konsegwentement, bl-emendi tal-1995, il-gurisdizzjoni kummercjali giet vestita primarjament fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, pero fl-Artikolu 32(3), il-legislatur ghamilha cara li l-Prim'Awla ma tistax – hlief bl-eccezzjoni ta' kawzi fejn ikun involut il-Gvern – tiehu konjizzjoni ta' kawzi – anke jekk ta' natura kummercjali - li jkunu ta' kompetenza tal-qrati inferjuri. Konsegwentement, il-kompetenza tal-qrati inferjuri li jiehdu konjizzjoni ta' certi kawzi ta' natura kummercjali li kienu jiehdu konjizzjoni taghhom qabel l-emendi tal-1995, baqghet bla mittiefsa, bl-emendi li saru fl-1995.

[8] Ara Artikolu 15 tal-Att XXIV ta' l-1995.
[9] Ara Artikolu 13 tal-Att XXIV tal-1995.

Dan l-Artikolu 32 rega' gie sostitwit bl-Att XXXI tal-2002 u dak li hu llum l-Artikolu 32(2) jaqra hekk: *"Il-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom."* Dak li kien qabel l-Artikolu 32(3) - u li kien jeskludi l-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili milli tisma' *inter alia* kawzi ta' natura kummercjali li jaqghu fil-kompetenza tal-qrati inferjuri gie abrogat.

Ir-Regolament 3 tal-Avviz Legali 396/2003, Ordni ta' Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili, jippreskrivi illi *"Lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandhom jigu assenjati l-kawzi kollha li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ma jigux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja."* Ladarba dan l-Avviz Legali ma jassenjax il-kawzi ta' natura kummercjali lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja, konsegwentement dawn il-kawzi huma assenjati lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Konsegwentement, la darba minkejja l-emendi tal-2002, l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc baqa' jghid espressament li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha tisma' kawzi ta' natura kummercjali, u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-posizzjoni legali ghal dak li jirrigwarda l-kawzi ta' natura kummercjali, baqghet l-istess kif kienet wara li gew *in vigore* l-emendi tal-1995.

Huwa vera li bejn meta gew *in vigore* l-emendi tal-1995 sa meta gew *in vigore* l-emendi tal-2002, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet prekluza milli tisma' kwistjonijiet ta' natura kummercjali li kienu jaqghu fil-kompetenza tal-qrati inferjuri, in vista tad-divjet espress preskritt bl-Artikolu 32(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili. Pero, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-fatt li dak id-divjet gie abrogat bl-emendi li saru fl-2002, ma jfissirx li kwistjonijiet ta' natura kummercjali issa saru jaqghu esklussivament fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Dan ghaliex jekk wiehed jargumenta li ladarba gie abrogat l-Artikolu 32(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-kawzi ta' natura kummercjali jaqghu esklussivament fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, bl-istess logika mela, anke fil-kawzi ta' natura civili jaqghu fil-kompetenza esklussiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ghaliex l-Artikolu 32 m'ghadux jippreskrivi li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma tiehux konjizzjoni ta' kawzi civili li jaqghu fil-kompetenza tal-qrati inferjuri.

Fil-prattika dan ikun ifisser, li l-qrati inferjuri la ghandhom kompetenza jisimghu kwistjonijiet ta' natura kummercjali u lanqas dawk ta' natura civili. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti meta bl-emendi tal-2002, gie abrogat l-Artikolu 32(3), il-legislatur qatt ma seta kellu din l-intenzjoni. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li l-qrati inferjuri diga' kellhom kompetenza jisimghu kawzi ta' natura kummercjali u civili taht certu valur.

L-Artikolu 47(1) tal-Kodici ta' Proceduri Civili jippreskrivi li din il-Qorti ghandha kompetenza *"tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-legislatur jeskludi biss minn din il-kompetenza ta' din il-Qorti, dawk il-kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 47(3).[10] Il-frazi *"l-pretensjonijiet kollha"* hija wiesgha bizzejjed sabiex tinkludi kemm kwistjonijiet ta' natura civili kif ukoll dawk ta' natura kummercjali, kif dejjem giet interpretata. Konsegwentement, fl-opinjoni ta' din il-Qorti id-deroga li kien hemm fl-Artikolu 32(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili kienet superfluwa, u kien ghalhekk li din giet abrogata bl-emendi tal-2002.

In vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti tikkonkludi li hija kompetenti li tisma u tiddeciedi l-kwistjoni odjerna.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-inkompetenza *rationae valoris* ai termini tal-Artikolu 747 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione materiae* ai

[10] L-Artikolu 47(3) jippreskrivi illi *"Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba."*

termini tal-Artikolu 547 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez in konnessjoni ma’ din is-sentenza ghandhom jigu subiti mis-socjetajiet konvenuti.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------